A.L. 152 ta' l-2005

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għall-Gradi ta' Bachelor of Science – B.Sc. – u Bachelor of Science (Honours) – B.Sc. (Hons) – taħt il-patroċinju tal-Fakulta' tax-Xjenza

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakulta' tax-Xjenza bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 37(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 37(2) ta' dak l-Att:

Titolu u Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għall-gradi ta' Bachelor of Science - B.Sc. - u Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons) - taħt il-patroċinju tal-Fakulta' tax-Xjenza.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba l-kuntest ma jitlobx mod ieħor -

" il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakulta' tax-Xjenza;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Bachelor of Science - B.Sc. - jew il-grad ta' Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons) – kif xieraq;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studji li jwassal għall-grad ta' Bachelor of Science - B.Sc. - jew għall-grad ta' Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons) - kif xieraq; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004.

L-Applikabilita'

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2003 jew wara.

Ir-Rekwiżiti Speċjali għad-Dħul fil-Kors

3. (1) Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandu, minbarra li jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul, ikollhom ir-rekwiżiti speċjali għall-kors kif imniżżla hawn taħt:

(a) Bijoloġija: għaddew fil-Bioloġija (Avvanzata, grad Ċ jew aħjar) u fil-Kimika (Intermedja, grad Ċ jew aħjar);

(b) Kimika: għaddew fil-Kimika (Avvanzata, grad Ċ jew aħjar) u fil-Fiżika (Intermedja, grad Ċ jew aħjar);
(japplika minn Ottubru 2006) għaddew fil-Kimika (Avvanzata, grad Ċ jew aħjar) u jew fil-Matematika Pura jew fil-Fiżika (Intermedja, grad Ċ jew aħjar);

(ċ) Xjenza tal-Kompjuter u l-Intelligenza Artifiċjali:
jew għaddew fil-Computing (Avvanzat, grad Ċ jew aħjar) u fil-Matematika Pura (Intermedja, grad Ċ jew aħjar);
jew għaddew fil-Matematika Pura (Avvanzata, grad Ċ jew aħjar) u fil-Computing (Intermedju, grad Ċ jew aħjar);

(d) Informatika:
jew għaddew fil-Matematika Pura (Avvanzata, grad Ċ jew aħjar);
jew għaddew fil-Computing jew fl-Information Technology (Avvanzat, grad Ċ jew aħjar) u fil-Matematika Pura(Intermedja, grad Ċ jew aħjar);

(e) Matematika: għaddew fil-Matematika Pura (Avvanzata, grad Ċ jew aħjar);

(f) Statistics and Operations Research:
jew għaddew fil-Matematika Pura (Avvanzata, grad Ċ jew aħjar);
jew għaddew fil-Matematika Applikata (Avvanzata, grad Ċ jew aħjar);
jew għaddew fil-Computing jew fl-Information Technology (Avvanzat, grad Ċ jew aħjar) u fil-Matematika Pura (Avvanzata, grad D jew aħjar);
jew għaddew fil-Computing jew fl-Information Technology (Avvanzat, grad Ċ jew aħjar) u fil-Matematika Applikata (Avvanzata, grad D jew aħjar);

(g) Fiżika:
jew għaddew fil-Fiżika (Avvanzata, grad Ċ jew aħjar) u fil-Matematika Pura (Intermedja, grad Ċ jew aħjar);
jew għaddew fil-Matematika Pura (Avvanzata, grad Ċ jew aħjar) u fil-Fiżika (Intermedja, grad Ċ jew aħjar).

(2) L-applikanti li għandhom grad D minflok grad Ċ f'wieħed biss mis-suġġetti meħtieġa, kemm fil-Livell Avvanzat kif ukoll fil-Livell Intermedju, tar-rekwiżiti speċjali għall-kors indikati fil-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament, għandhom jidħlu taħt dawk il-kundizzjonijiet li l-Bord jista' jimponi biex jagħmlu tajjeb għan-nuqqas fil-kwalifikazzjonijiet. Jekk, sa l-aħħar ta' l-ewwel sena, dawn l-istudenti ma jtemmux b'suċċess ir-rekwiżiti kollha biex jitilgħu għat-tieni sena tal-Kors, huma jkunu meħtieġa jirtiraw mill-Kors, u ma jkunux la intitolati li jirrepetu s-sena u lanqas li jitilgħu kondizzjonalment kif normalment permess skond ir-Regolamenti Prinċipali.

It-Tul tal-Kors

4. (1) Il-kors li jwassal għall-grad ta' Bachelor of Science jinfirex fuq medda ta' tlett snin ta' studju fuq bażi *full-time*.

(2) Il-kors li jwassal għall-grad ta' Bachelor of Science (Honours) jinfirex fuq medda ta' erba' snin ta' studju fuq bażi *full-time*.

L-Oqsma ta' Studju

5. (1) L-istudenti jistgħu jirreġistaw għall-Grad skond il-provvedimenti ta' dawn l-ordinamenti f'xi tnejn minn dawn l-oqsma ta' studju:

Il-Bijoloġija; il-Kimika; ix-Xjenza tal-Kompjuter u l-Intelligenza Artifiċjali; l-Informatika; il-Matematika; il-Fiżika; u l-Statistics and Operations Research.

(2) Il-grad ta' Bachelor of Science jingħata f'żewġ oqsma ta' studju bħala oqsma ta' studju Ordinarji Ewlenin.

(3) Il-grad ta' Bachelor of Science (Honours) jingħata f'żewġ oqsma ta' studju bħala oqsma ta' studju bl-Unuri Ewlenin.

6. (1) L-oqsma ta' studju offruti f'xi sena partikolari u l-oqmsa ta' studju li jistgħu jittieħdu flimkien ikunu ppubblikati mill-Bord qabel il-bidu ta' kull Kors.

(2) Ix-Xjenza tal-Kompjuter u l-Intelliġenza Artifiċjali ma tistax tittieħed ma' l-Informatika.

7. L-oqsma ta' studju li jistgħu jittieħdu flimkien li f'xi sena jintgħażlu minn inqas minn tliet studenti jistgħu jkunu rtirati għal dik is-sena.

Il-Programm tal-Kors

8. Il-Kors jikkonsisti f'żewġ partijiet, jiġifieri, l-Ewwel Parti li tkopri l-ewwel tlett snin u t-Tieni Parti li tkopri r-raba' sena.

9. (1) L-Ewwel Parti tikkonsisti f'taqsimiet studju li għalihom hemm 180 kredtu assenjati mqassma kif ġej:

L-Ewwel Sena: 26 kredtu f'kull wieħed miż-żewġ oqsma ta' studju u 8 kredti għal taqsimiet studju fakultattivi;
It-Tieni Sena: 30 kredtu f'kull wieħed miż-żewġ oqsma ta' studju;
It-Tielet Sena: 30 kredtu f'kull wieħed miż-żewġ oqsma ta' studju.

(2) Fit-tmiem ta' l-Ewwel Parti, l-istudenti li jiksbu 180 kredtu kif speċifikat fil-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament ikunu intitolati biex jingħataw il-grad ta' Bachelor of Science ħlief jekk huma jagħżlu li jkomplu għat-Tieni Parti tal-Kors.

10. (1) It-Tieni Parti tikkonsisti f'taqsimiet studju li għalihom hemm 60 kredtu assenjati mqassma kif ġej:

(a) 36 kredtu f'qasam ta' studju li minnhom 20 kredtu huma assenjati għal taqsima studju proġett; u

(b) 24 kredtu fil-qasam ta' studju l-ieħor.

(2) It-taqsima studju proġett imsemmija fil-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament tinvolvi l-kitba ta' dissertazzjoni, ħlief li fil-każ tal-Matematika d-dissertazzjoni tista' tkun mibdula b'qasam jew oqsma ta' studju mgħallma żejda.

11. Il-Bord għandu jippubblika l-programm ta' studju għal kull qasam ta' studju, kif approvat mis-Senat, fil-bidu ta' kull Kors. Suġġett għal tibdiliet li l-Bord, bl-approvazzjoni tas-Senat, jista' ikun kostrett jagħmel, l-istudenti huma marbuta li jsegwu t-taqsimiet studju u jiksbu l-kredti kif indikat fil-programm tal-kors u fil-programmi ta' studju għall-oqsma ta' studju li huma qed isegwu għall-Grad, sakemm li l-programmi tal-kors u l-programmi ta' studju jkunu mfassla skond il-provvedimenti rilevanti tar-Regolamenti Prinċipali.

12. Fi kwalunkwe sena tal-Kors, l-istudenti ma jistgħux jirreġistraw għal taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati aktar minn 60 kredtu ħlief jekk huma jkunu meħtieġa jirreġistraw għal taqsimiet studju riferuti skond il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali.

13. L-istudenti li qed isegwu studji għall-Bachelor of Science (Honours) li ma jtemmux it-Tieni Parti tal-Kors ikunu mogħtija l-grad ta' Bachelor of Science, ikklassifikat skond il-kriterji indikati fil-paragrafu (1) ta' l-ordinament 14, sakemm qabel huma jkunu temmew l-Ewwel Parti.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent

14. (1) Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-klassifikazzjoni tal-grad ta' Bachelor of Science għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fl-ewwel tlett snin tal-Kors (l-Ewwel Parti), li jingħataw piż ugwali.

(2) Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-klassifikazzjoni tal-grad ta' Bachelor of Science (Honours) għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fl-erba' snin tal-Kors (l-Ewwel u t-Tieni Partijiet), li jingħataw piż ugwali.